MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF
NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 39/2012/1

**Peter Paul Cutajar**
***v.***
**Avukat Ġenerali; Awtorità tad-Djar u Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju Konġunt**

1. Dan huwa appell tal-attur minn dikriet mogħti fis-27 ta' Frar 2013 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li ċaħditlu talba biex jingħata rimedju provviżorju sakemm tinqata finalment kawża kostituzzjonali mibdija minnu.
2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: B'sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2009 fil-kawża fl-ismijiet L-Awtorità tad-Djar

v. Peter Paul Cutajar et[1] il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ordnat l-iżgumbrament tal-attur Cutajar (konvenut f'dik il-kawża) minn immobbli proprjetà tal-Awtorità tad-Djar ["l-Awtorità]. Fl-istess sentenza l-qorti ċaħdet ukoll eċċezzjoni ta' Cutajar illi l-iżgumbrament ikun bi ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu mħarsa taħt l-artt. 38 u 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ["il-Kostituzzjoni"] u l-artt. 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"]. Cutajar appella minn dik is-sentenza iżda l-Qorti tal-Appell, b'sentenza tal-25 ta' Novembru 2011, ċaħdet l-appell u ikkonfermat is-sentenza appellata.

3. L-istess ġara f'kawża oħra fl-ismijiet L-Awtorità tad-Djar v. Felicia Cutajar et[2], li mxiet flimkien mal-kawża kontra l-attur u li nqatgħet, kemm fl-ewwel grad u kemm fl-appell, flimkien mal-kawża l-oħra. Felicia Cutajar, illum mejta, hija omm l-attur u awtriċi tiegħu.

4. L-attur imbagħad b'rikors tal-24 ta' Mejju 2012 fetaħ kawża kostituzzjonali – il-kawża li fiha ngħata d-dikriet li minnu qiegħed isir l-appell tallum – biex jitlob rimedju għax igħid illi sar ksur tal-jedd fondamentali tiegħu mħares, din id-darba, taħt l-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni.

5. B'rikors tat-28 ta' Jannar 2013 l-attur talab "rimedju provviżorju" biex iżomm lill-Awtorità milli tesegwixxi s-sentenzi tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Novembru 2011 u hekk ma jsirx l-iżgumbrament. Għalkemm l-attur igħid illi t-talba għamilha taħt l-art. 46 tal-Kostituzzjoni u l-art. 13 tal-Konvenzjoni, strettament l-art. 46 tal-Kostituzzjoni ma huwiex relevanti billi r-rimedju ewlieni li qiegħed jitlob l-attur huwa taħt l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u mhux taħt il-Kostituzzjoni. Madankollu, dan ma għandux relevanza għall-meritu tal-episodju tallum.

6. B'dikriet tas-27 ta' Frar 2013 l-ewwel qorti ċaħdet dan ir-rikors għal raġunijiet li fissrithom hekk:

"Illi r-rikors in diżamina hu wieħed anċillari għar-rikors primarju li ta bidu għall-proċedura kostituzzjonali u għalhekk din id-deċizjoni hi limitata għar-rikors tal-1 ta' Frar 2013 …;

---

[1] Ċitazzjoni numru 971/2001.

[2] Ċitazzjoni numru 972/2001.

"Illi permezz tal-istess, ir-rikorrenti qed jitlob rimedju immedjat biex jattakka l-mandat ta' żgumbrament preċedentement ordnat wara li s-sitwazzjoni bejn il-kontendenti kienet ġiet kristallizzata bi proċeduri li għaddew in ġudikat wara li espirew l-*iter* ġudizzjarju komplut;

"Illi għalhekk il-mandat ta' żgumbrament li hawn qed jiġi indirizzat hu wieħed li l-partijiet waslu għalih wara proċeduri li ilhom jittieħdu għal dawn l-aħħar tnax-il sena;

"Illi għandu jingħad li l-vertenza in diżamina hi ampjament regolata bl-artiklu 281 tal-Kap. 12 … li sintetikament jistabbilixxi li persuna li kontra tagħha jinħareġ att eżekuttiv, bħal ma hu l-mandat ta' żgumbrament in diżamina, tista' topponih billi tagħmel rikors għal dan il-għan quddiem "… dik il-qorti li tkun ħarġet dak l-att fejn titlob li l-att eżekuttiv jitħassar …";

"Illi effettivament ir-rikorrenti qiegħed hawn jitlob proprju t-tħassir tal-imsemmi mandat, meta għandu jkun paċifiku li l-qorti odjerna ma kinitx l-istess waħda li ordnat il-ħrug ta' tali mandat;

"Illi konsegwentement dan ir-rimedju mhux permess f'dan l-istadju ta' kawża kostituzzjonali magħżula mir-rikorrenti;

"Illi għalhekk għandu wkoll ikun paċifiku li r-rimedji ordinarji offruti lir-rikorrenti ma ġewx minnu eżawriti kif mitlub fl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta *stante* li liberament għażel li jaqbeż il-proċedura lilu offruta b'mod ordinarju u jindirizza minflok il-proċedura kostituzzjonali minnu hawn indirizzata;

"Illi għaldaqstant din il-qorti, għar-ragunijiet fuq esposti, tqis li r-rikorrenti ppreġudika l-pożizzjoni tiegħu billi ma eżawriex ir-rimedji ordinarji lilu spettanti meta għażel li jindirizza l-vertenza in diżamina f'din il-proċedura u mhux kif debitament ritenut *ai termini* tal-artikolu 281 tal-Kap. 12 …;

"Illi per konsegwenza jirriżulta li tali azzjoni allura tilledi l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni *stante* li r-rikorrenti ma indirizzax u eżawrixxa, kif kellu, ir-rimedji ordinarji qabel ma intraprenda l-azzjoni odjerna;

"Għaldaqstant, *in vista* tal-premess, b'referenza għar-rimedju urġenti mitlub mir-rikorrenti fir-rikors tiegħu tal-1 ta' Frar 2013 … tiddikjara li qed tirrifjuta li teżerċita s-

setgħat tagħha skont l-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;"

7. Hawnhekk ukoll[3] għandu jingħad illi d-disposizzjoni relevanti ma kellhiex tkun dik taħt l-art 46(2) tal-Kostituzzjoni, kif qalet l-ewwel qorti, iżda taħt il-*proviso* għall-art. 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja [Kap. 319]. Dan qiegħed jingħad biss għall-korrettezza billi ma għandux relevanza għall-meritu tal-appell.

8. Wara li kiseb l-awtorizzazzjoni tal-ewwel qorti, mogħtija b'dikriet tal-1 ta' Marzu 2013, għall-għanijiet tal-art. 229(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-attur appella mid-dikriet tas-27 ta' Frar 2013 b'rikors tat-22 ta' April 2013. L-aggravji tiegħu fissirhom hekk:

"… il-fatti fil-qosor huma illi parti sostanzjali mill-art illi qiegħda bi qbiela/kera għandu u illi speċjalment fiha sorsa (*sic*) ta' ilma u *cioè* spiera illi minnha jieħu l-ilma regolarment ħalli jsaqqi ġnien li fih ma' tliet mitt siġra tal-larinġ illi ilu stabbilit bħala ġnien minn żmien il-Kavallieri, dawn il-ġonna li kienu ħaġa waħda jibqgħu bl-istess mod (*sic*);

"Illi jekk tilħaq tiġi esegwita s-sentenza u jidħlu l-*bulldozers*, ikun hemm ħsara irrimedjabbli għad-drittijiet tal-esponenti. Naturalment l-ispiera hija indispensabbli biex jinżamm dan il-ġnien illi huwa sorsa ta' qligħ għall-esponenti.

"L-aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti f'dan li ġej:

"Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, kif ingħad f'diversi sentenzi, mhux akkademja biex tiddikjara prinċipji filosofiċi, imma hija maħsuba li tkun effettiva u tagħti rimedji. L-artikolu 13 tal-istess Konvenzjoni jpoġġi dan l-obbligu fuq l-Istati wkoll li għandhom jagħtu rimedju effettiv.

"Min-naħa tal-intimati jwieġbu li t-*temporary measures* il-Qorti Ewropea tużahom, imma f'każijiet rari. Imma meta jkun hemm ħsara irrimedjabbli, u ma tistax tmur għall-i*status quo ante* tintervjeni. Tintervjeni wkoll saħansitra wara li l-istess ilmenti jkunu diġà għaddew mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.

---

3 Ara para. 5, *supra.*

"Issa f'dan il-każ il-ġurisdizzjoni nazzjonali għadha ma semgħetx il-każ dwar il-vjolazzjonijiet lamentati.
"Il-ħsara li tiġri speċjalment fuq il-ġonna kbar tal-larinġ li hemm, minħabba li tispiċċa l-ispiera tal-ilma, mhux xi ħaġa li tista' tirranġaha b'kumpens.
"Issa jekk wieħed jara l-motivazzjoni tad-digriet isib li ma kienx fondat.
"Għaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li din l-onorabbli qorti jogħġobha tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u minflok tagħti r-rimedju mitlub."

9. Il-konvenuti ressqu l-eċċezzjoni preliminari illi l-appell sar wara li kien għadda ż-żmien mogħti fl-art. 229(6) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Billi, jekk tintlaqa' din l-eċċezzjoni, l-appell jieqaf hawn, il-qorti sejra tibda bili tqis l-eċċezzjoni qabel ma tidħol fil-meritu.

10. L-art. 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, fil-parti relevanti, igħid hekk:

**"229.** (3) Ħlief kif provdut speċifikatament mod ieħor f'dan il-Kodiċi, appell minn kull digriet interlokutorju ieħor … jista' jsir biss qabel is-sentenza definittiva jekk il-qorti li tkun qed tittratta l-każ tagħti permess speċjali sabiex dan isir, … … …
"… … …
"(5) Il-qorti għandha, kemm jista' jkun mingħajr dewmien tagħti digriet waqt seduta bil-miftuħ dwar it-talba għal permess speċjali sabiex isir appell skont is-subartikolu (3) … … … b'mod illi tiddikjara fid-dettall ir-raġunijiet li wassluha għad-deċiżjoni tagħha.
"(6) Iż-żmien biex isir appell minn digriet qabel is-sentenza definittiva, għandu jkun ta' sitt ijiem mill-jum meta d-digriet ikun inqara fil-qorti bil-miftuħ:
"Iżda fil-każijiet maħsubin fis-subartikoli (3) …, dak iż-żmien biex isir l-appell jibda għaddej mill-jum meta d-digrieti skont is-subartikolu (5) ikunu nqraw fil-qorti bil-miftuħ."

11. Id-dikriet li bih ingħata l-permess speċjali taħt l-art. 229(3) ingħata *in camera* fl-1 ta' Marzu 2013, iżda nqara fil-qorti bil-miftuħ fid-9 ta' April 2013. Tassew illi l-verbal tas-seduta tad-9 ta' April 2013 igħid illi "inqara d-dikriet *a foll*. 105 *et seqq*." waqt illi d-dikriet tal-permess speċjali

qiegħed *fol.* 110[4]. *Foll.* 105 *et seqq.* hemm id-dikriet tas-27 ta' Frar 2013 – dak li qiegħed isir dan l-appell minnu. Dak li nqara fid-9 ta' April 2013 iżda ma jistax ikun ħlief id-dikriet tal-1 ta' Marzu 2013 – id-dikriet tal-permess speċjali. Id-dikriet tas-27 ta' Frar 2013 ma ngħatax *in camera* iżda ngħata fil-qorti bil-miftuh, kif jixhed il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2013: "ir-rikors datat l-1 ta' Frar 2013 [dak li bih intalab ir-rimedju provviżorju] ġie deċiż". Għalhekk, ma kienx hemm għalfejn jerġa' jinqara fid-9 ta' April 2013, u ma kien hemm ebda dikriet ieħor li seta' jinqara ħlief dak tal-1 ta' Marzu 2013 li bih ingħata l-permess speċjali.

12. Għalhekk is-sitt ijiem għall-appell mogħtija taħt l-art. 229(6) bdew igħaddu mid-9 ta' April 2013; ir-rikors tal-appell sar fit-22 ta' April 2013, sew wara li għaddew is-sitt ijiem.

13. Billi, għal dawn ir-raġunijiet, l-appell sar wara li għadda ż-żmien mogħti għalhekk mil-liġi, il-qorti tilqa' l-eċċezzjoni relativa, tgħid illi l-appell huwa tardiv u ma tqisux.

14. L-ispejjeż ta' dan l-episodju, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallashom l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[4] Fuq *fol.* 110 hemm id-dikriet miktub bl-idejn; hemm kopja dattilografata *fol.* 111.